1 ta' Marzu, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Presiden*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Luigi Degabriele ne. *versus* Hilda Degabriele**

## Separazzjoni Personali — Kuntratt — Liġi Nazzjonali — Awtorizzazzjoni tal-Qorti — Order-in-Council tat-2 ta' Ottubru 1937.

*Il-validità tal-forma ta' kuntratt tiddependi mill-liġi tal-post fejn isir il-kuntratt in forza tal-prinċipju "locus regit actum".*

*Dana l-prinċipju jiġi derogat meta l-kuntratt ikun jirrikjedi ċerti formalitajiet abilitanti li jirrigwardaw il-kapaċità tal-kontraenti għax ikunu attinenti għall-istatut personali tagħhom.*

*L-awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja biex il-miżżewġin jistgħu jagħmlu separazzjoni konsenswali, u anki biex jaġixxu għas-separazzjoni ġudizzjarja, mhijiex proċedura ta' sem-*

*plići forma, imma hija essenzjali għall-kapaċità ta' dawk il-miżżewġin. li mingħajrha ma jistgħux jisseparaw ruħhom.*

*Il-Maltin li huma sudditi britanniċi ta' nazzjonalità maltija, li jkunu residenti fl-Eġittu imma ma jkunux domiċiljati f'dak il-pajjiż, huma governati mill-liġi nazzjonali tagħhom, li hija l-maltija; u għalhekk il-miżżewġin maltin, li huma sudditi britanniċi ta' nazzjonalità maltija, li jkollhom ir-residenza, imma mhux id-domiċilju fl-Eġittu, ma jistgħux jagħmlu separazzjoni konsenswali mingħajr l-intervent tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, jew ta' l-Awtorità ekwivalenti tal-pajjiż fejn jinsabu residenti; u l-kuntratt ta' separazzjoni li huma jagħmlu mingħajr dak l-intervent huwa null u ta' ebda effett ġuridiku.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremetta illi in forza ta' kuntratt tas-17 ta' Ġunju 1944, bejn Rogantino Degabriele u l-konvenuta, dina obligat ruħha tirrestitwixxi lil żewġha l-għamara u l-oġġetti l-oħra hemm riferiti ta' proprjetà tiegħu jew ta' wliedhom; u li in eżekuzzjoni totali ta' dina l-obligazzjoni minnha assunta, il-konvenuta tikkonsenja l-effetti indikati fil-lista markata "Dok. B" unita ma' l-att taċ-ċitazzjoni, jew kwalunkwe oġġetti oħra talvolta riżultanti fit-trattazzjoni tal-kawża; u talab illi l-istess konvenuta tiġi kundannata tikkonsenja u tirrestitwixxi lilu, nomine, f'terminu qasir u perentorju li għandu jiġi lilha prefiss l-effetti mobiljari fuq riferiti, u fin-nuqqas ta' restituzzjoni tagħhom f'dak it-terminu tkun kundannata tħallas u tirrifondi lilu nomine, il-valur ta' l-istess effetti fl-ammont li jirriżulta fit-trattazzjoni. Bil-lukri legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Settembru 1944, u tal-mandat tas-sekwestru tat-23 ta' Jannar 1945;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, fejn issottomettiet li l-attur qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuq skrittura privata li biha saret is-separazzjoni personali bejnha u Rogantino Degabriele; liema skrittura hija nulla għaliex mhix magħmula bil-formalitajiet li trid il-liġi;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu fl-4 ta' Ottubru 1947, fejn ċaħdet it-talbiet ta' l-attur, salva kwalunkwe azzjoni oħra li tista' tikkompeti lill-attur in rigward għall-oġġetti indikati fl-att taċ-ċitazzjoni "si et quatenus", u ordnat illi l-ispejjeż minħabba l-kwistjonijiet involuti jkunu mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-reġistru jħallsu l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi hija norma ta' Dritt Internazzjonali Privat, in riferenza għall-forma ta' l-att, illi "locus regit actum", regola li hija akkolta universalment u għandha bħala bażi ġuridika illi l-leġislatur tal-post fejn l-att jiġi kompjut huwa l-aktar kompetenti biex jilleġiżla fuq dina l-materja, u għaliex xi drabi l-forma stabbilita fil-liġi nazzjonali ma tkunx possibili fil-post fejn wieħed ikun; illi però meta jkun hemm formalitajiet abilitanti, dak il-prinċipju jiġi derogat, għax dawk iddispożizzjonijiet ikunu allura attinenti għall-istatut personali;

Illi skond il-liġi patrja, għas-separazzjoni konsenswali huwa neċessarju l-intervent ta' l-awtorità ġudizzjarja, li tintervjeni biex tippronunċja jekk hux il-każ jew le għal dik isseparazzjoni; u biex issir is-separazzjoni konsenswali hemm bżonn ta' l-intervent tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja għal dak il-fini, intervent li jista' jsir minn maġistrat ta' Stat divers minn dak li tiegħu l-partijiet huma ċittadini; għaliex diversament wieħed ikollu jikkonkludi illi l-maġistrati ta' ġurisdizzjoni volontarja ma jkunux jistgħu jippronunzjaw ruħhom għal ċittadini ta' Stat divers — prinċipju li huwa inaċċettabili; ..

Illi għalhekk, apparti l-kwistjoni tal-forma esterna talkuntratt, jonqos ċertament f'dik l-iskrittura impunjata l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u għalhekk it-talba ta' l-attur tiġi milqugħa, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis:*

Tikkunsidra;

Illi hija ħaġa stabbilita f'dan il-proċess illi ż-żewġ kon-

tendenti huma ta' nazzjonalità Maltija u huma domiċiljati f'Malta; iżda meta saret is-separazzjoni konsenswali r-residenza tagħhom kienet f'Alessandria ta' l-Eġittu. Skond il-konvenzjoni bejn l-Ingilterra u l-Eġittu li saret Montreux fit-8 ta' Mejju 1937, u fl-Order in Council li ġie emanat fit-2 ta' Ottubru 1937, għas-sudditi britanniċi hija applikabili l-Liġi Ingliża, skond ir-regoli tad-Dritt Internazzjonali Privat. Infatti l-artikolu 41 ta' dak l-Order in Council igħid:— "Subject to the provisions of this Order, the jurisdiction of the Court shall, so far as circumstances admit, be exercised on the principles of, and in conformity with, English Law, including the rules of English International Law for the time being in force..............." Għalhekk dan juri, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, illi għal nies li jkunu British Subjects hija applikabili l-liġi Ingliża skond il-prinċipji tad-Dritt Internazzjonali Privat; u għalhekk fl-ambitu ta' dik il-liġi, u skond il-prinċipji tad-Dritt Internazzjonali Privat, il-Maltin li huma sudditi britanniċi, iżda ta' nazzjonalità Maltija, li ma jkunux domiċiljati fl-Eġittu, iżda sempliċement residenti hemm, ikunu ħadu magħhom il-liġi nazzjonali tagħhom, li f'dan il-każ hija l-liġi tad-domiċilju. Dan il-prinċipju huwa inveterat għal dawk il-Maltin li huma residenti fl-Eġittu, għaliex dejjem kienu retti mil-liġi Maltija. Lanqas f'dan il-każ tista' tidħol il-kwistjoni bejn il-liġi tad-domiċilju u l-liġi personali, skond id-diversi skejjel, waħda anglo-amerikana u l-oħra kontinentali, għaliex f'dan il-każ il-kontendenti huma maltin it-tnejn, u għalhekk il-liġi personali tagħhom hija dik ta' Malta, u t-tnejn huma domiċiljati hawn, apparti r-residenza, u għalhekk anki l-liġi tad-domiċilju hija l-maltija;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk il-liġi applikabili f'dan il-każ kienet il-liġi maltija, li għas-separazzjoni konsenswali trid illi, qabel xejn, il-pattijiet li l-partijiet ikunu sejrin jagħmlu jiġu eżaminati u approvati mill-Qorti. Infatti hija ħaġa magħrufa fid-dottrina u fil-ġurisprudenza lokali illi l-intervent f'dan il-każ, u anki fil-każ ta' separazzjoni ġudizzjali, tal-Qorti ta' Volontarja Ġurisdizzjoni mhuwiex sempliċement proċedurali, biex wieħed

jitlef iż-żmien jagħmel rikors lil dik il-Qorti, iżda, kif tajjel irriteniet l-Ewwel Qorti, hija proċedura abilitanti, għaliex tmiss il-kapaċità tal-kontendenti fis-separazzjoni konsenswali illi mingħajr dak l-intervent ma jistgħux jagħmlu dik is-separazzjoni, u l-kapaċità ta' l-attur fil-każ ta' min irid jistitwixx kawża ta' separazzjoni ġudizzjali. Infatti l-art. 42 (1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid :— "By separation from bed and board by a judgment or authorised by a decree of the competent court............"; u l-art. 44 (1) iżid illi "it shall not be lawful for a spouse to bring before the Court of Contentious Jurisdiction a suit for separation against the other spouse without leave first from the Court of Voluntary Jurisdiction". Dawna l-kliem juru biċ-ċar illi l-intervent ta' din il-Qorti jmiss il-kapaċità ta' l-attur f'dik il-kawża, preċiżament għaliex kieku l-leġislatur ma kienx juża espressjonijiet simili bħal dawk li huma f'dak l-artikolu. L-istess ħaġa jingħad fl-art. 71 (1), fis-sens illi s-separazzjoni konsenswali tista' ssir "subject to the authority of the Court", u fl-inċiż 2 il-liġi tgħid illi l-Qorti, qabel ma tagħti dik l-awtorizzazzjoni, għandha twissi lill-partijiet in riferenza għall-konsegwenzi tas-separazzjoni u tfittex li tirrikonċiljahom; iżda mhux vwoldiri illi l-Qorti hija obligata li tagħti l-awtorizzazzjoni meta tara li hemm pattijiet preġudizjevoli għal waħda mill-partijiet, u li almenu "prima facie" ma jkunux jidhru li huma ġustifikati, jew li ma jurux kawża tajba għas-separazzjoni fil-każ li dik tkun konsenswali. Għalhekk mhux l-ewwel darba li ġara li dik il-Qorti ta' Volontarja Ġurisdizzjoni rrifjutat li tagħti l-awtorizzazzjoni taħt ċerti pattijiet li dehrilha li kienu inġustifikati għal waħda mill-partijiet, peress illi lanqas "prima facie" ma kien jidher illi dik il-parti kienet ħatja ta' dawk il-ħtijiet li kienet qiegħda tattribwilha l-parti l-oħra;

Dan juri kemm huwa neċessarju l-intervent ta' dik l-Awtorità, barra minn raġunijiet oħra speċifikati mil-liġi, u li dak l-intervent imiss il-kapaċità tal-partijiet biss. Dan huwa anki konvalidat minn dak li hemm fis-sezzjoni 9 ta' l-Order-in-Council tat-2 ta' Ottubru 1937, u fl-art. 28 u 29 ta' l-Annexee għal dak l-Order-in-Council. Infatti l-art. 28 igħid espressa-

ment illi "personal status comprises suits and matters relating to the status and capacity of persons, legal relations between members of a family,.............., divorce, repudiation, separation................" ; u l-art. 29 għid ukoll :— "The status and capacity of persons shall be governed by their national laws................ In matters concerning relations between the husband and wife, including separation................. and the effects thereof upon their property, the law to be applied shall be the national law of the husband at the time of the celebration of the marriage" ;

Tikkunsidra ;

Illi la darba dik l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tmiss il-kapaċità tagħhom biex jagħmlu dak il-kuntratt, allura l-liġi għandha tiġi osservata u l-partijiet ma jistgħux jidderogaw għaliha, għaliex il-fondament tagħha huwa ta' ordni publiku. Veru huwa illi għall-funzjoni li teżerċita l-Qorti ta' Volontarja *Ġurisdizzjoni jista' jiġi supplit, f'territorju stranjier, permezz* ta' l-intervent tat-tribunal tal-post li jkollu funzjonijiet simili għal dak ta' Qorti ta' Volontarja Ġurisdizzjoni, kif f'Alessandria jidher li hemm tribunal bejn wieħed u ieħor simili, skond is-sezzjoni 53 (2), 55, 57, 58 (3) u 60 ta' l-Order Constituting H.B. Majesty's Court" ; iżda anki kieku f'xi pajjiż ma jkunx hemm tribunal simili — ħaġa li hija wisq inverosimili — il-konsegwenza ma tkunx dik li irid jigħed l-appellant, illi jista' jqiegħed da parti l-liġi nazzjonali tiegħu f'materja bħal din ta' kapaċità u jagħmel is-separazzjoni mingħajr l-intervent ta' l-Awtorità Ġudizzjarja, iżda għandu dejjem jadixxi t-tribunal kompetenti għas-separazzjoni ġudizzjali meta l-konvenut jaċċetta biex issir dik is-separazzjoni, u għalhekk dak it-tribunal ikun jista' jagħti l-awtorizzazzjoni meħtieġa ;

Tikkunsidra ;

Illi għalhekk, la dik is-separazzjoni saret mingħajr l-intervent ta' l-Awtorità Ġudizzjarja, biex tagħmel dak li kienet tagħmel hawn Malta l-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja, il-kontendenti ma kellhomx ebda kapaċità ġuridika neċessarja biex jagħmlu dak il-kuntratt ; illi għalhekk jonqos minnu element indispensabili fondat fuq motiv ta' ordni publiku, li

għalhekk huwa inderogabili. U la darba dak il-kuntratt huw vizjat għal dik ir-raġuni, ma hemmx bżonn li tiġi investi l-kwistjoni l-oħra sollevata, jekk kienx hemm bżonn jew le t att publiku kif teżiġi għal dana l-kuntratt il-liġi ta' Malta;

Għal dawna r-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qort sa fejn kompatibili;

Tirrespinġi l-appell ta' l-attur, u għalhekk tikkonferm s-sentenza li minnha hemm appell; u in vista tal-kwistjo involuta tordna illi l-ispejjeż ma jkunux taxxati; id-dritt ta reġistru jitħallas mill-attur appellanti.